32001E0567

27.7.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 202/1

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL
ta' 23 Lulju 2001
fuq il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' missili ballistiċi.

(2001/567/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Göteborg fil-15 u 16 Ġunju 2001 adotta id-Dikjarazzjoni fuq il-Prevenzjoni tal-Proliferazzjoni tal-missili ballistiċi.

(2) Il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) adotta fl-14 Mejju 2001 il-konklużjonijiet fuq il-limitazzjoni ta' tixrid tal-Missili

(3) It-tixrid tal-missili ballistiċi kapaċi li jġorru armi tal-qerda tal-massa hija kwistjoni li tikkonċerna l-Unjoni.

(4) It-tisħiħ tan-normi internazzjonali u l-instrumenti politiċi kontra t-tixrid ta' l-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi ta' konsenja tagħhom huwa ta' importanza primarja għall-Unjoni li hija impenjata għall-infurzar tad-diżarm u l-limitazzjoni tat-tixrid ta' l-instrumenti multilaterali.

(5) L-Unjoni tara ħtieġa urġenti ta' approċċ globali u multilaterali sabiex jikkumplimenta l-isforzi ezistenti kontra l-proliferazzjoni tal-missili ballistiċi.

(6) L-Unjoni għlhekk tappoġġja b'mod sħieħ l-abbozz tal-Kodiċi ta' Kondotta Internazzjonali kontra it-tixrid tal-missili ballistiċi (hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi") li ġie elaborat qalb il-Membri tar-Reġim tal-Kontroll tat-Teknoloġija Missilistika *(MTĊR)* li ġie mqassam lill-pajjiżi kollha bi stedina biex jingħaqdu ma' dan l-isforz.

It-test tal-Kodiċi ser jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-kummenti riċevuti minn pajjiżi oħra.

(7) Il-Kodiċi huwa l-aktar inizjattiva konkreta u avvanzata f'dan il-qasma u għalhekk joħloq l-aħjar okkazzjoni biex jinkisbu riżultanti fi żmien qasir.

(8) Il-Kodiċi sa jkun dokument li jorbot politikament. L-Unjoni tistenna li jkollha effett pożittiv fuq inizjattivi oħra biex tindirizza it-tixrid tal-missili ballistiċi. L-Unjoni tqis li wara l-adozzjoni tiegħu il-Kodiċi jista' jkun ta' interess għan-Nazzjonijiet Uniti.

ADOTTAT DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

L-għan ta' l-Unjoni għandu jkun li twaqqaf it-tixrid tal-missili ballistiċi. Biex jintlaħaq dan il-għan, l-Unjoni tappoġġja l-universalizzazzjoni tal-Kodiċi.

Artikolu 2

L-Unjoni għandha tappoġġja attivament proċess ta' negozjati internazzjonali *ad hoc* għall-finalizzazzjoni tal-Kodiċi, li jwassal għal-Konferenza Internazzjonali bl-iskop li jiġi adottat mhux aktar tard minn 2002

Il-proċess, li għandu jkun bazat fuq il-Kodiċi, għandu jinżamm miftuh, trasparenti u inklużiv, u jippermetti li kull Stat li jixtieq jissottoskrivi għall-Kodiċi jipparteċipa fl-elaborazzjoni tiegħu fuq bażi ugwali.

Artikolu 3

L-Unjoni sa ssegwi din l-inizjattiva bi trasparenza sħiħa mal-partijiet interessati kollha l-oħra.

Artikolu 4

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tiegħu.

Artikolu 5

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

Magħmula fi Brussell, 23 Lulju 2001.

F'isem il-Kunsill

Il-President

A. NEYTS-UYTTEBROECK